REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1967/2006

tal-21 ta' Diċembru 2006

dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli
ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran
u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u
r-Regolament (KE) Nru 973/2001 u jħassar
ir-Regolament (KE) Nru 1626/94

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd1 japplikaw għall-Baħar Mediterran.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 98/392/KE2 il-Kunsill ikkonkluda l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li tinkludi prinċipji u regoli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar miftuħ. Skond ir-regoli ta' dik il-Konvenzjoni, il-Komunità timpenja ruħha sabiex tikkoordina l-ġestjoni u l-konservazzjoni ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin ma' Stati kostali oħrajn.

(3) Skond id-Deċiżjoni 98/416/KE3 il-Komunità hija Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd fil-Mediterran, (minn hawn 'il quddiem il-"GFCM"). Il-Ftehim tal-GFCM jipprovdi qafas għall-koperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-Mediterran permezz ta' l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fil-qasam kopert mill-Ftehim tal-GFCM li jsiru obbligatorji għall-Partijiet Kontraenti.

(4) Il-karatteristiċi bijoloġiċi, soċjali u ekonomiċi tas-sajd Mediterran jeħtieġu li l-Komunità tistabbilixxi qafas speċifiku ta' ġestjoni.

1 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
2 ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
3 ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34.

(5) Il-Komunità impenjat ruħha li tapplika approċċ prekawzjonali fit-teħid ta' miżuri maħsuba sabiex jipproteġu u jikkonservaw riżorsi akkwatiċi ħajjin u ekosistemi tal-baħar, u li tipprovdi għall-isfruttament sostenibbli tagħhom.

(6) Is-sistema ta' ġestjoni prevista f'dan ir-Regolament tkopri operazzjonijiet relatati mas-sajd ta' stokkijiet tal-Mediterran imwettaq minn bastimenti Komunitarji kemm f'ibħra Komunitarji kif ukoll f'dawk internazzjonali, minn bastimenti ta' pajjiżi terzi f'żoni ta' sajd ta' l-Istati Membri jew minn ċittadini ta' l-Unjoni fil-Baħar Miftuħ Mediterran.

(7) Madankollu, sabiex ir-riċerka xjentifika ma tiġix imfixkla, dan ir-Regolament m'għandu japplika għall-ebda operazzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' tali riċerka.

(8) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas effettiv ta' ġestjoni, permezz tat-tqassim xieraq ta' responsabbiltajiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri.

(9) Il-protezzjoni stretta ta' ċerti speċi tal-baħar diġà mogħtija mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[1] u applikabbli għall-ilmijiet tal-baħar taħt is-sovranità ta' l-Istati Membri għandha tkun estiża għall-Baħar Miftuħ Mediterran.

---

1 ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(10) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/800/KE dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jikkonċerna żoni speċjalment protetti u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, u dwar l-aċċettazzjoni ta' l-Annessi ta' dak il-Protokoll (Konvenzjoni ta' Barċellona)1 li, flimkien mad-dispożizzjonijiet relatati mal-konservazzjoni ta' siti ta' importanza Mediterranja, jipprovdi għat-tfassil ta' listi ta' speċi fil-periklu jew mhedda u speċi li l-isfruttament tagħhom huwa rregolat.

(11) Huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri tekniċi ġodda għas-sajd li jissostitwixxu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1626/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Mediterran2 sabiex jittieħed kond ta' parir xjentifiku ġdid. Għandu jittieħed ukoll kont ta' l-elementi prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran taħt il-Politika Komuni tas-Sajd.

(12) Ir-Regolament (KE) nru 1626/94 għandu għalhekk jitħassar.

(13) Għandhom jiġu evitati l-qabdiet eċċessivi ta' individwi li jkunu iżgħar mid-daqs xieraq. Għal dak il-għan huwa meħtieġ li jiġu protetti ċerti żoni fejn jinġabar ħut prematur, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet bijoloġiċi lokali.

---

[1] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 1.

[2] ĠU L 171, 6.7.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 813/2004 (ĠU L 185, 24.5.2004, p. 1).

(14) It-tagħmir tas-sajd li jagħmel wisq ħsara lill-ambjent tal-baħar jew li jwassal għat-tnaqqis ta' ċerti stokkijiet għandu jkun ipprojbit jew regolat b'mod iżjed strett.

(15) Sabiex jiġu evitati aktar żidiet fir-rati ta' mortalità għal ħut prematur u sabiex jitnaqqas sostanzjalment l-ammont ta' skart, ta' organiżmi tal-baħar mejtin, mormi minn bastimenti tas-sajd, huwa xieraq li jsir provvediment għal żidiet fil-qisien tal-malji u tas-snanar għal xbieki tat-tkarkir, xbieki mqabbda mal-qiegħ u konzijiet użati għas-sajd ta' ċerti speċi ta' organiżmi tal-baħar u għall-użu obbligatorju ta' xbieki b'malji kwadri.

(16) Sabiex ikun hemm perjodu transitorju, qabel jiżdied il-qies tal-malji tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, huwa xieraq li jiġu determinati ċerti karatteristiċi fil-ħbula tax-xbieki tat-tkarkir li jkabbru s-selettività tal-qies tal-malji li jintuża attwalment.

(17) Il-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd għandu jkun l-għodda prinċipali li twassal għal sajd sostenibbli fil-Baħar Mediterran. Għal dak il-għan huwa xieraq li jiġu determinati d-dimensjonijiet globali tat-tipi prinċipali ta' tagħmir passiv tas-sajd sabiex jiġi limitat fattur wieħed li jolqot l-isforz tas-sajd li jsir.

(18) Parti miż-żona kostali għandha tkun riżervata għal tagħmir selettiv tas-sajd użat minn sajjieda ta' skala żgħira, sabiex jiġu protetti żoni fejn jitrabbew il-ħut u habitats sensittivi u tissaħħaħ is-sostenibbiltà soċjali tas-sajd Mediterranju.

(19) Huwa xieraq li jiġu determinati l-qisien minimi għall-qabda ta' ċerti organiżmi tal-baħar sabiex jiġi mtejjeb l-isfruttament tagħhom u jiġu stabbiliti standards li fuqhom l-Istati Membri jistgħu jibnu s-sistemi ta' ġestjoni tagħhom għas-sajd kostali. Għal dan il-għan, is-selettività ta' xi tagħmir tas-sajd għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun għall-qies minimu stabbilit għall-qabda ta' xi speċi jew grupp ta' speċi maqbuda b'dak it-tagħmir.

(20) Sabiex ma jiġux imfixkla r-ristokkjar artifiċjali, u t-trapjant ta' stokkijiet, ta' ħut u ta' organiżmi oħrajn tal-baħar, għandhom ikunu permessi l-operazzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' tali attivitajiet, sakemm ikunu kompatibbli mas-sostenibbiltà ta' l-ispeċi konċernata.

(21) Ladarba s-sajd bħala passatemp huwa importanti ħafna fil-Mediterran, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li dan jitwettaq b'mod li ma jfixkilx sinifikattivament is-sajd kummerċjali, li jkun kompatibbli ma' l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u li jkun konformi ma' l-obbligi Komunitarji fir-rigward ta' l-Organizzazjonijiet Reġjonali tas-Sajd.

(22) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta' ħafna żoni tas-sajd Mediterranji, li huma restritti għal ċerti sub-żoni ġeografiċi, u b'kont meħud tat-tradizzjoni li tiġi applikata sistema ta' ġestjoni ta' l-isforz fuq livel sub-reġjonali, huwa xieraq li jsir provvediment għall-istabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni Komunitarji u nazzjonali, li jgħaqqdu b'mod partikolari l-ġestjoni ta' l-isforz ma' miżuri tekniċi speċifiċi.

(23) Sabiex jiġi żgurat kontroll effiċjenti ta' l-attivitajiet tas-sajd għandhom jittieħdu ċerti miżuri speċifiċi li jikkomplementaw jew li jkunu aktar stretti minn dawk previsti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd[1]. B'mod partikolari, hemm bżonn li jitbaxxa l-limitu attwali ta' 50 kg piż ħaj ekwivalenti, għal speċi diversi mill-ispeċi ferm migratorji u speċi pelaġiċi żgħar maqbuda fil-Baħar Mediterran li jridu jiġu reġistrati fil-ġurnal ta' abbord.

(24) Ladarba iżjed minn 75% tal-qbid ta' pixxispad fil-Baħar Mediterran ġej minn sajd Komunitarju, huwa xieraq li jiġu stabbiliti miżuri ta' ġestjoni. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jkunu effettivi, il-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti stokkijiet ta' speċi ferm migratorji għandhom jiġu mill-organizzazzjonijiet tas-sajd reġjonali kompetenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti adegwati lill-GFCM u lill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tuna ta' l-Atlantiku (ICCAT) kif xieraq. In-nuqqas ta' ftehim sa tmiem perjodu speċifikat ta' żmien mhux ser iwaqqaf lill-UE milli tadotta miżuri għal dan l-iskop sa meta jintlaħaq ftehim definittiv fuq bażi multilaterali.

---

1 ĠU L 261, 23.6.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 768/2005 (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

(25) Ġew introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw is-sajd fl-ilmijiet madwar Malta permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 813/2004, skond l-Att ta' Adeżjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 21 u l-Anness III tiegħu. Huwa xieraq li tali dispożizzjonijiet jinżammu.

(26) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimetazzjoni konferiti lill-Kummissjoni1.

(27) Għandhom jiġu wkoll adottati emendi għall-Annessi ma' dan ir-Regolament skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

[1] ĠU L 184, 23.6.1998, p. 23. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Kapitolu I
Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika

(a) għall-konservazzjoni, għall-ġestjoni u għall-isfruttament ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin fejn tali attivitajiet ikunu prattikati

(i) fl-ilmijiet marittimi tal-Baħar Mediterran lejn il-lvant tal-linja 5°36' W (minn hawn 'il quddiem "il-Baħar Mediterran") li jaqgħu taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri;

(ii) permezz ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji fil-Baħar Mediterran lil hinn mill-ilmijiet imsemmija f'(i);

(iii) minn ċittadini ta' Stati Membri, bla preġudizzju għar-responsabbiltà primarja ta' l-Istat tal-bandiera, fil-Baħar Mediterran, 'il barra mill-ilmijiet imsemmija f'(i); u

(b) għal kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd maqbuda fil-Baħar Mediterran.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal operazzjonijiet ta' sajd imwettqa unikament għall-finijiet ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, li jitwettqu bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew Stati Membri konċernati.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "tagħmir irmunkat" tfisser kwalunkwe tagħmir tas-sajd, bl-esklużjoni ta' lenzi għas-sajd bir-rixa, irmunkat jew bis-saħħa tal-magna tal-bastiment tas-sajd jew miġbud permezz ta' winċijiet meta l-bastiment ikun jew ankrat jew miexi bil-mod, inkluż b'mod partikoari xbieki rmunkati u gangmi;

(a) "xbieki rmunkati" tfisser xbieki tat-tkarkir, tartaruni u tartaruni tax-xatt;

(i) "xbieki tat-tkarkir" tfisser xbieki li huma attivament irmunkati mill-magna prinċipali tad-dgħajsa u jikkonsistu f'korp għamla ta' kon jew piramida (bħala l-korp li jitkarkar) magħluqa fil-parti ta' wara f'għamla ta' borża u li jista' jestendi mill-parti miftuħa permezz tal-ġwienaħ jew jista' jiġi mmuntat fuq frejm riġidu. Il-ftuħ orizzontali jinkiseb jew permezz ta' twavel tas-sufrun jew jiġi provdut b'arblu jew frejm b'forma u qies varjabbli. Tali xbieki jistgħu jiġu rmunkati jew fuq il-qiegħ (xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ) jew taħt wiċċ l-ilma (xbieki tat-tkarkir pelaġiċi);

(ii) "tartaruni" tfisser xbieki tat-tidwir u tartaruni rmunkati li jitħaddmu u jitkarkru permezz ta' ħbula u winċijiet minn dgħajsa miexja jew ankrata u mhux irmunkati permezz tal-magna prinċipali tad-dgħajsa, li jikkonsistu minn żewġt iġwienaħ u żaqq ċentrali jew fil-forma ta' kuċċarina jew b'borża fil-parti aħħarija ta' wara u tista' topera' mill-wiċċ sal-qiegħ skond l-ispeċi mmirata;

(iii) "tartaruni tax-xatt" tfisser xbieki tat-tidwir u tartaruni rmunkati mitfugħin minn dgħajsa u mħaddma mix-xatt.

(b) "gangmi" tfisser tagħmir li jkun attivament irmunkat mill-magna prinċipali tad-dgħajsa (gangmi tad-dgħajsa) jew miġbud b'winċ motorizzat minn bastiment ankrat (gangmi mekkanizzati) għall-qbid ta' bivalvi, gasteropadi jew sponoż u li jikkonsisti f' xibka borża jew f'baskett tal-metall immuntati fuq qafas riġidu jew virga ta' qies u forma varjabbli li l-parti ta' taħt tagħhom tista' ġġorr xafra barraxa li tista' tkun jew fit-tond, ippuntata jew bis-snien, u tista' wkoll tkun mgħammra bi skarpi u twavel ta' l-għadds. Xi gangmi huma mgħammra b'tagħmir idrawliku (gangmi idrawliċi). Gangmi miġbudin bl-idejn jew b'winċ manwali f'ilmijiet baxxi bi jew mingħajr dgħajsa għall-qbid ta' bivalvi, gasteropadi jew sponoż (gangmi ta' l-idejn) m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala tagħmir irmunkat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2) "sit ta' sajd protett" tfisser sit tal-baħar definit ġeografikament fejn is-sajd kollu jew ċerti attivitajiet ta' sajd ikunu pprojbiti jew ristretti temporanjament jew b'mod permanenti sabiex jittejbu l-isfruttament u l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jew il-protezzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar;

3) "xbiek imqabbad mal-qiegħ" tfisser kwalunkwe parit, xibka tal-garġi tal-qiegħ jew xbiek kombinat imqabbaa mal-qiegħ.

(a) "parit" tfisser kwalunkwe xibka li tikkonsisti minn żewġ biċċiet jew iżjed ta' xibka mdendla flimkien b'mod parallel fuq ċima unika, imwaħħla, jew li kapaċi titwaħħal b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar;

(b) "xibka tal-garġi ankrata tal-qiegħ" tfisser kwalunkwe xibka li tikkonsisti f'biċċa xibka unika miżmuma b'mod vertikali fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet imwaħħla jew li tista' titwaħħal b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar u li żżomm it-tagħmir f'postu jew viċin il-qiegħ jew jgħum fil-kolonna ta' l-ilma;

(ċ) "xbiek kombinat imqabbaa mal-qiegħ" tfisser kwalunkwe xibka tal-garġi tal-qiegħ mgħaqqda ma' parit li jikkostitwixxi l-parti ta' taħt.

4) "xbieki tat-tidwir" tfisser xbieki li jaqbdu l-ħut billi jdawruhom kemm miż-żewġ naħat u kif ukoll minn taħt. Jistgħu jkunu jew ma jkunux mgħammra b'*purse line*.

(a) "tartaruni tal-borża" tfisser kwalunkwe xibka tat-tidwir li l-parti ta' taħt tagħha tingħaqad permezz ta' ħabel tal-borża li jkun fil-qiegħ nett tax-xibka, li jgħaddi minn serje ta' anelli mqabbda mal-ħabel ta' taħt, li jippermetti x-xibka tinġabar f'borża u tingħalaq. It-tartaruni tal-borża jistgħu jintużaw sabiex jinqabdu speċijiet pelaġiċi żgħar, speċijiet pelaġiċi kbar u speċijiet tal-qiegħ.

5) "nases" tfisser tagħmir tas-sajd li jikun iffissat ma' jew jintuża f'qiegħ il-baħar u li jopera bħala nassa sabiex jaqbad speċi tal-baħar. Huma mfassla fil-forma ta' basket, borma, barmil jew gaġġa, u fil-maġġoranza tal-każijiet jikkonsistu minn qafas riġidu jew semi-riġidu magħmul minn materjal varju (injam, qasab, vireg tal-ħadid, wajer *netting*, eċċ.) li jistgħu jkunu mgħottija b'xibka jew le. Huma għandhom lembut jew ħalq wieħed jew aktar bi trufijiet lixxi li jħallu lill-ispeċi jidħlu fil-parti interna. Jistgħu jintużaw waħedhom jew fi gruppi. Meta jintużaw fi gruppi bosta nases huma mqabbda ma' ħbula prinċipali fuq fergħat ta' tul u spazjatura varjabbli skond l-ispeċi mmirata.

6) "konzijiet" tfisser tagħmir tas-sajd magħmul minn ħabel prinċipali mgħammar b'bosta snanar fuq fergħat (*snoods*) ta' tul u spazjatura varjabbli skond l-ispeċi mmirata. Dan jista' jintuża vertikalment jew orizzontalment ma' wiċċ il-baħar; jista' jintefa' mal-qiegħ jew viċin il-qiegħ (konzijiet imqabbda mal-qiegħ) jew taħt wiċċ l-ilma jew viċin wiċċ l-ilma (konzijiet ta' wiċċ l-ilma).

7) "snanar" tfisser fil mgħawweġ ta' l-azzar u ttemprat normalment b'ponta fil-forma ta' vleġġa. Il-ponta tas-sunnara tista' tkun dritta jew mgħawġa lura jew ikkurvata; ir-riġel jista' jkun ta' tul u forma differenti u l-*cross section* tiegħu tista' tkun tonda (regolari) jew ċatta (mikwija). It-tul totali ta' sunnara għandu jkun imkejjel bħala t-tul massimu globali tas-sieq tagħha mit-tarf tas-sunnara, li jservi sabiex miegħu tintrabat il-lenza u normalment jkollu l-forma ta' għajn, sat-tarf tal-liwja. Il-wisa' tas-sunnara għandha titkejjel bħala l-ikbar distanza orizzontali mill-parti esterna tar-riġel sal-parti esterna tal-garġa.

8) "sajd bħala passatemp" tfisser attivitajiet ta' sajd li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin għal rikreazzjoni jew sport.

9) "*fishing aggregating devices* (FADs)" tfisser kwalunkwe tagħmir li jgħum f'wiċċ il-baħar li jinġabar taħt kampjuni ta' ħut prematur jew adulti ta' speċi ferm migratorji .

10) "*St.Andrew's cross"* huwa ħattaf li jagħmel użu minn azzjoni simili għal dik ta' mqass sabiex jaħsad jew il-mollusk bivalv *Pinna nobilis* jew il-qroll aħmar minn qiegħ il-baħar.

11) "qiegħ ta' l-algi" tfisser sit fejn il-qiegħ tal-baħar ikun karatterizzat mill-preżenza dominanti ta' fanerogammi, jew fejn tali veġetazzjoni kienet u għada teżisti u teħtieġ azzjoni ta' restawr. Ħaxix tal-baħar huwa terminu kollettiv għall-ispeċi *Posidonia oceanica, Cymodocea nodosa, Zoostera marittimua* u *Zoostera noltii.*

12) "habitat koralliġenuż" tfisser sit fejn il-qiegħ tal-baħar ikun karatterizzat mill-preżenza dominanti ta' komunità bijoloġika speċifika msejħa "koralliġenuż", jew fejn tali komunità kienet u għadha teżisti u teħtieġ azzjoni ta' restawr. Koralliġenuż huwa terminu kollettiv għal struttura bijoġenika kumplessa ħafna li ġejja mill-irkib kontinwu fuq substratum pre-eżistenti li jkun tal-ġebel jew iebes ta' strata kalkarji li prinċipalment ġejjin mill-attività ta' bini ta' algi ħomor kalkarji li jiffurmaw inkrustazzjoni jew organiżmi annimali bħal Porifera, Ascidians, Cnidarians (qroll tal-qarn*,* imrewħ tal-baħar eċċ.), Bryozoans, Serpulids, Annelids, flimkien ma' organiżmi kalkarji li jiksu oħrajn.

13) "qiegħ tal-*Mäerl*" tfisser sit fejn il-qiegħ tal-baħar ikun karatterizzat mill-preżenza dominanti ta' komunità bijoloġika speċifika msejħa "*mäerl*", jew fejn tali komunità kienet u għada teżisti u teħtieġ azzjoni ta' restawr. *Mäerl* huwa terminu kollettiv għal struttura bijoġenika li ġejja minn bosta speċi ta' algi aħmar qrolli (Corallinaceae), li għandhom skeletri kalkarji iebsin u jikbru f'qiegħ il-baħar bħala algi f'għamla ta' friegħi mhux imwaħħla simili ta' rimji jew għoqiedi żgħar, li jiffurmaw akkumulazzjonijiet f'wiċċ ċatt imħammel jew imrammel ta' qiegħ il-baħar. Il-qigħan tal-*Maerl* huma normalment magħmula minn kombinazzjoni waħda jew varjabbli ta' algi ħomor, b'mod partikolari, *Lithothamnion coralloides* u *Phymatolithon calcareum.*

14) "ristokkjar dirett" tfisser l-attività fejn ikun hemm rilaxx ta' annimali selvaġġi ħajjin ta' speċi magħżula f'ilmijiet fejn huma jinsabu normalment, sabiex tintuża l-produzzjoni naturali ta' l-ambjent akkwatiku sabiex jiżdied in-numru ta' individwi disponibbli għas-sajd u/jew sabiex jiżdied ir-reklutaġġ naturali.

15) "trapjant" tfisser il-proċess li bih speċi tiġi appożitament ttrasportata u rilaxxata mill-bniedem f'żoni ta' popolazzjonijiet stabbiliti u ta' ċirkolazzjoni ġenetika kontinwa fejn dan iseħħ.

16) "speċi mhix indiġena" tfisser speċi li l-varjanti storikament magħrufa tagħha jseħħu barra s-sit ta' interess.

17) "introduzzjoni" tfisser il-proċess li bih speċi li mhix indiġena tiġi mressqa u rilaxxata minn bnedmin b'mod intenzjonali f'sit fejn il-varjanti storikament magħrufa tagħha ma jseħħux.

KAPITOLU II

SPEĊI U HABITATS PROTETTI

Artikolu 3

Speċi protetti

1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord u t-tniżżil l-art, deliberatament, ta' l-ispeċi tal-baħar imsemmija fl-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE għandhom ikunu projbiti ħlief meta tkun ingħatat deroga skond l-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/43/KEE.

2. Minkejja il-paragrafu 1, iż-żamma abbord, it-trasbord u t-tniżżil l-art ta' kampjuni ta' l-ispeċi tal-baħar imsemmija fl-ewwel paragrafu li jkunu nqabdu aċċidentalment għandhom jiġu awtorizzati sakemm din l-attività hija meħtieġa sabiex tiżgura għajnuna għall-irkupru ta' l-annimali individwali u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konċernati jkunu ġew debitament infurmati minn qabel.

Artikolu 4

Habitats protetti

1. Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, gangmi, tartaruni tal-borża, tartaruni, tartaruni tax-xatt jew xbieki simili fuq qigħan ta' l-algi ta', b'mod partikolari, *Posidonia oceanica* jew fanerogammi tal-baħar oħrajn għandu jkun ipprojbit.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-użu ta' tartaruni tal-borża, tartaruni jew xbieki simili, li l-waqgħa globali tagħhom u mġieba f'operazzjonijiet ta' sajd ifissru li l-*purse-line*, il-*lead-line* jew il-ħbula tat-tkarkir ma jmissux il-qiegħ ta' l-algi jistgħu jiġu awtorizzati fi ħdan il-pjanijiet ta' ġestjoni previsti taħt jew l-Artikolu 18 jew l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.

2. Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, gangmi, tartaruni tax-xatt jew xbieki simili fuq habitats koralliġenużi u qigħan tal-*mäerl* għandu jkun pprojbit.

3. L-użu ta' gangmi rmunkati u sajd bi xbieki tat-tkarkir f'fond ta' aktar minn 1000m għandhom ikunu projbiti.

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafi 1, subparagrafu 1 u paragrafu 2 għandha, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tapplika għaż-żoni Natura 2000 kollha, iż-żoni speċjali protetti kollha u żoni speċjali protetti kollha ta' interess Mediterran (SPAMI) li ġew magħżula għall-fini tal-konservazzjoni ta' dawn l-Habitats taħt jew id-Direttiva 92/43/KEE jew id-Deċiżjoni 1999/800/KE.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, subparagrafu 1, is-sajd minn bastimenti li t-tul globali tagħhom ikun 12-il metru jew inqas u s-saħħa tal-magna ta' 85 kW jew inqas bi xbieki tal-qiegħ irmunkati li tradizzjonalment jitwettaq fuq qigħan tal-*Posidonia* jista' jiġi awtorizzat mill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 sakemm:

(i) l-attivitajiet ta' sajd konċernati huma regolati minn pjan ta' ġestjoni previst taħt l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.

(ii) l-attivitajiet ta' sajd konċernati jolqtu mhux iżjed minn 33 % tas-sit kopert mill-qigħan ta' *l-algi tal-Posidonia* oċeanika fis-sit kopert mill-pjan ta' ġestjoni.

(iii) l-attivitajiet ta' sajd konċernati jolqtu mhux iżjed minn 10% ta' qigħan ta' algi fl-ilmijiet territorjali ta' l-Istat Membru konċernat.

L-attivitajiet ta' sajd awtorizzati skond dan il-paragrafu għandhom:

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 8(1)(h), ta' l-Artikolu 9(3)(2) u ta' l-Artikolu 23;

(b) ikunu regolati sabiex jiġi żgurat li l-qabdiet ta' speċi msemmija fl-Anness III ikunu minimi.

Madankollu, l-Artikolu 9(3), subparagrafu 1 m'għandux japplika.

Kull meta bastiment tas-sajd, li jopera taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jiġi irtirat mill-flotta b'fondi pubbliċi l-permess ta' sajd speċjali sabiex titwettaq din l-attività ta' sajd għandu jiġi rtirat u m'għandux jinħareġ mill-ġdid.

L-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu pjan ta' monitoraġġ u jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament dwar l-istatus tal-qigħan ta' l-algi tal-*Posidonia oċeanika* milquta minn xbieki rmunkati fuq il-qiegħ u l-lista ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati. L-ewwel rapport għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Lulju 2009.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw il-ġbir ta' informazzjoni xjentifika bil-ħsieb li jiġu identifikati u mmappjati l-habitats protetti taħt dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

ŻONI TA' SAJD PROTETTI

Artikolu 5

Proċedura ta' informazzjoni li tistabbilixxi żoni ta' sajd protetti

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, l-ewwel darba qabel il-31 ta' Diċembru 2007, b'informazzjoni relevanti għall-istabbiliment ta' żoni ta' sajd protetti, u għall-miżuri possibbli ta' ġestjoni li għandhom jiġu applikati fihom, kemm fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom kif ukoll lil hinn fejn il-protezzjoni ta' żoni fejn jitrabbew il-ħut, ta' postijiet tal-bgħit jew ta' l-ekosistemi tal-baħar mill-effetti qerrieda tas-sajd teħtieġ miżuri speċjali.

Artikolu 6

Żoni ta' sajd protetti Komunitarji

1. Abbażi ta' informazzjoni provduta skond l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra għall-istess fini, il-Kunsill għandu jagħżel, fi żmien sentejn mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, żoni ta' sajd protetti li essenzjalment jinsabu lil hinn mill-ibħra territorjali ta' l-Istati Membri, dwar it-tipi ta' attivitajiet ta' sajd ipprojbiti jew awtorizzati f'tali żoni.

2. Il-Kunsill sussegwentament jista' jagħżel żoni ta' sajd protetti oħrajn, jew jibdel il-delimitazzjonijiet u r-regoli ta' ġestjoni stabbiliti għalihom, abbażi ta' informazzjoni xjentifika relevanti ġdida.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw il-ġbir adegwat ta' informazzjoni xjentifika bil-ħsieb li jiġu identifikati u mmappjati ż-żoni li għandhom jiġu protetti skond dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Żoni ta' sajd nazzjonali protetti

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu, fi żmien sentejn mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u abbażi ta' informazzjoni prevista taħt l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, aktar żoni ta' sajd protetti, fir-rigward taż-żoni ta' sajd protetti diġà stabbiliti saż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, fl-ilmijiet territorjali tagħhom li fihom l-attivitajiet ta' sajd jistgħu jiġu pprojbiti jew ristretti sabiex jiġu konservati u ġestiti r-riżorsi ħajjin tal-baħar jew jinżamm jew jitjieb l-istatus ta' konservazzjoni ta' ekosistemi tal-baħar. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu dwar it-tagħmir tas-sajd li jista' jintuża fiż-żoni protetti, kif ukoll dwar ir-regoli tekniċi li m'għandhomx ikunu inqas stretti mil-leġislazzjoni Komunitarja.

2. L-Istati Membri sussegwentament jistgħu jagħżlu żoni ta' sajd protetti oħrajn, jew jibdlu d-delimitazzjonijiet u r-regoli ta' ġestjoni stabbiliti taħt il-paragrafu 1 abbażi ta' informazzjoni xjentifika relevanti ġdida. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw il-ġbir adegwat ta' informazzjoni xjentifika bil-ħsieb li jiġu identifikati u mmappjati ż-żoni li għandhom jiġu protetti skond dan l-Artikolu.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-raġunijiet xjentifiċi, tekniċi u ġuridiċi għall-ħtieġa ta' miżuri speċjali.

4. Meta sit propost ta' sajd protett fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru x'aktarx jinċidi fuq il-bastimenti ta' Stat Membru ieħor, huwa għandu jiġi magħżul biss wara li l-Kummissjoni, l-Istat Membru u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali konċernat ikunu ġew konsultati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8(3) sa (6) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

5. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd notifikati skond il-paragrafu 3 mhumiex biżżejjed sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tar-riżorsi u ta' l-ambjent, hija tista', wara li tkun ikkonsultat l-Istat Membru, titolbu jemenda l-miżura jew tista' tipproponi li l-Kunsill jagħżel sit ta' sajd protett jew jadotta miżuri ta' ġestjoni tas-sajd fir-rigward ta' l-ilmijiet konċernati.

KAPITOLU IV

RESTRIZZJONIJIET DWAR TAGĦMIR TAS-SAJD

Artikolu 8

Tagħmir u prattiki tas-sajd ipprojbiti

1. Dawn li ġejjin m'għandhomx jintużaw jew jinżammu abbord:

(a) sustanzi tossiċi, soporifiċi u korrużivi,

(b) ġeneraturi tax-xokkijiet elettriċi,

(ċ) splussivi,

(d) sustanzi li jistgħu jisplodu jekk jiġu mħallta,

(e) strumenti rmunkati għall-ħsad tal-qroll aħmar jew tipi oħrajn ta' qroll jew organiżmi simili tal-qroll,

(f) martelli pnewmatiċi jew strumenti tal-perkussjoni oħrajn għall-ġbir, b'mod partikolari, ta' molluski bivalvi li jħaffru fil-blat,

(g) *St Andrew's cross* jew ħattafa simili għall-ħsad tal-qroll aħmar jew tipi oħrajn ta' qroll jew organiżmi simili tal-qroll,

(h) pannelli ta' xbiek b'malji iżgħar minn 40mm għax-xbieki tat-tkarkir.

2. M'għandhomx jintużaw xbieki tal-qiegħ għall-qbid ta' l-ispeċi li ġejjin: *Albacore* (*Thunnus alalunga*), Tunnaġġ (*Thunnus thynnus*), Pixxispad (*Xiphias gladius*), *Ray's bream* (*Brama brama*), Xarks (*Hexanchus griseus; Cetorhinus maximus*; Alopiidae; Carcharhinidae; Sphyrnidae; Isuridae u Lamnidae).

   B'deroga, il-qabdiet aċċidentali ta' mhux iżjed minn 3 kampjuni ta' l-ispeċi tal-klieb il-baħar msemmija fl-ewwel subparagrafu hawn fuq jistgħu jinżammu abbord jew jiġu mniżżla l-art sakemm ma jkunux speċi protetta taħt il-liġi Komunitarja.

3. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord, it-tniżżil l-art, il-ħżin, il-bejgħ u l-wiri ta' *date shell* (*Lithophaga litophaga*) u l-folas komuni (*Pholas dactylus*) jew li dawn jiġu offruti għall-bejgħ għandhom ikunu projbiti.

4. Xkubetti li jisparaw foxxni għandhom ikunu pprojbiti jekk jintużaw flimkien ma' apparat tan-nifs taħt l-ilma (aqualung) jew filgħaxija minn inżul ix-xemx sakemm jisbaħ).

5. Il-qabda, iż-żamma abbord, it-trasbord, it-tniżżil l-art, il-ħżin, il-bejgħ u l-wiri ta' *Crawfish* tas-sess femminili li jkunu mimlija bil-bajd (*Palinuridae spp.*) u awwisti tas-sess femminili mimlija bil-bajd (*Homarus gammarus*) jew li dawn jiġu offruti għall-bejgħ għandhom ikunu projbiti. Crawfish tas-sess feminili li jkunu mimlija bil-bajd u awwisti tas-sess femminili mimlija bil-bajd għandhom jinxteħtu l-baħar minnufih wara l-qbid aċċidentali jew jistgħu jintużaw għal tgħammir mill-ġdid jew trapjant fi ħdan pjanijiet ta' ġestjoni stabbiliti taħt l-Artikolu 18 jew l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Qies minimu tal-malji

1. L-użu għas-sajd u t-tiżmim abbord ta' xbieki rmunkati, xibka tat-tidwir jew xibka tal-garġi għandhom ikunu projbiti, sakemm il-qies tal-malji f'dik il-parti tax-xibka fejn jinsabu l-iżgħar malji ma jkunx konformi mal-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-qies tal-malji għandu jkun determinat mill-proċeduri speċifikati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2003[1].

3. Għal xbieki rmunkati, barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 4, il-qies minimu tal-malji għandu jkun:

1) sat-30 ta' Ġunju 2008: 40 mm;

2) mill-1 Lulju 2008, ix-xibka msemmija fil-punt 1 għandha tiġi sostitwita b'xibka b'malji kwadri ta' 40mm fit-tarf fejn tingħalaq, jew, fuq it-talba debita ta' sid il-bastiment, minn xibka b'malji djamant ta' 50mm.

   Fir-rigward tas-subparagrafu preċedenti, bastimenti tas-sajd għandhom ikunu awtorizzati jużaw u jżommu abbord waħda biss miż-żewġ tipi ta' xbieki;

3) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2012, li abbażi tiegħu kif ukoll abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri qabel il-31 ta' Diċembru 2011 hija għandha tipproponi aġġustamenti dovuti fejn xieraq.

---

[1] ĠU L 22, 23.6.1998, p. 5.

4. Għal xbieki tat-tkarkir li jimmiraw għal sardin u inċova, fejn dawn l-ispeċi ikopru mill-inqas 80% tal-qabda f'piż ħaj wara s-separazzjoni, il-qies minimu tal-malji għandu jkun ta' 20mm.

5. Għal xbieki tat-tidwir il-qies minimu tal-malji għandu jkun ta' 14-il mm.

6. (a) Xbieki tal-garġi mqabbda fil-qiegħ m'għandhomx ikollhom malji iżgħar minn 16-il mm.

(b) Għal xbieki tal-garġi mqabbda fil-qiegħ li jimmiraw għal red sea bream, fejn dawn l-ispeċi ikopru mill-inqas 20% tal-qabda f'piż ħaj, il-qies minimu tal-malji għandu jkun ta' 100mm.

7. Stat Membru jista' jippermetti deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 u 5 għal tartaruni u tartaruni tax-xatt li jkunu konċernati minn pjan ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 19 u sakemm is-sajd konċernat huwa selettiv ħafna, għandu effett negliġibbli fuq l-ambjent marittimu u m'huwiex konċernat minn dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu 4(5).

8. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu ġustifikazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi aġġornati għal tali deroga.

Artikolu 10

Qies minimu tas-snanar

L-użu għas-sajd jew it-tiżmim abbord ta' kwalunkwe konzijiet bi snanar ta' tul globali inqas minn 3.95 ċm u ta' wisa' ta' inqas minn 1.65 ċm għandhom ikunu projbiti għal kwalunkwe bastiment tas-sajd li jużа konzijiet u li jaqbad jew ikollu abbord kwantità ta' *red sea-bream* (*Pagellus bogaraveo*) li tikkostitwixxi iżjed minn 20% tal-qabda f'piż ħaj wara s-separazzjoni.

Artikolu 11

Irbit ma' u ħbula tax-xbieki tat-tkarkir

1. Il-malja fi kwalunkwe parti tax-xibka m'għandhiex tkun ostakolata jew effettivament imċekkna b'xi mod minn strumenti permessi bir-Regolamet tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84[1] jew elenkati fl-Anness I (a) ma' dan ir-Regolament.

2. Il-ħbula tax-xbieki tat-tkarkir għandhom ikunu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Dimensjonijiet ta' tagħmir tas-sajd

Għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jintuża fil-baħar tagħmir li ma jkunx konformi mad-dimensjonijiet speċifikati fl-Anness II.

Artikolu 13

Distanzi u fondijiet minimi għall-użu ta' tagħmir tas-sajd

1. L-użu ta' tagħmir irmunkat għandu jkun ipprojbit sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50m meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

---

1 ĠU L 318, 7.12.1984, p.23. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2122/89 (ĠU L 203, 15.7.1989, p. 21).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-użu ta' gangmi għandu jkun awtorizzat sa 3 mili nawtiċi irrispettivament mill-fond sakemm li l-qabda ta' speċi diversa minn molluski tal-baħar ma taqbiżx l-10% tal-piż ħaj totali tal-qabda.

2. L-użu ta' tagħmir irmunkat għandu jkun ipprojbit sa 1.5 mili nawtiċi mill-kosta. L-użu ta' gangmi tad-dgħajsa u ta' xbieki tat-tħawwil idrawliċi għandhom jiġu pprojbiti sa 0.3 mili nawtiċi mill-kosta.

3. L-użu ta' tartarun għandu jkun ipprojbit sa 300 metru mill-kosta jew sa fond ta' 50m meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

   It-tartarun m'għandux jintuża f'fondijiet ta' inqas minn 70% tal-waqgħa globali tat-tartarun stess kif imkejla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

4. L-użu ta' gangmi għal sajd għall-isponoż għandu jkun ipprojbit sa livell ta' fond ta' 50m u m'għandux isir sa 0.5 mili nawtiċi mill-kosta.

5. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandha tippermetti deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, bil-kondizzjoni li tali deroga tkun ġustifikata bil-limiti ġeografiċi partikolari, bħall-qies limitat ta' pjattaformi kostali madwar il-faxxa kostali kollha ta' Stat Membru jew il-medda limitata ta' postijiet tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, fejn is-sajd m'għandu l-ebda patt sinifikattiv fuq l-ambjent marittimu u jinċidi fuq numru limitat ta' bastimenti, u sakemm dak is-sajd ma jistax jitwettaq b'tagħmir ieħor u jkun suġġett għal pjan ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 18 jew l-Artikolu 19. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ġustifikazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi aġġornati għal tali deroga.

6. B'deroga mill-paragrafu 2 xbieki tat-tkarkir jistgħu jiġu użati temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2007 b'distanza iqsar minn 1,5 mili nawtiċi mill-kosta sakemm il-fond huwa iktar minn 50 metru isobath.

7. B'deroga mill-paragrafu 3 it-tartaruni jistgħu jiġu użati temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2007 b'distanza iqsar minn 300 mili nawtiċi mill-kosta jew f'fond inqas minn 50 metru isobath iżda mhux inqas minn 30 metru isobath. It-tartarun jista' jintuża b'mod temporanju, sal-31 ta' Diċembru 2007 f'fondijiet ta' inqas minn 70% tal-waqgħa globali tat-tartarun stess kif imkejjla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

8. B'deroga mill-paragrafu 2, kemm il-gangmi tad-dgħajsa kif ukoll ix-xbieki tat-tħawwil idrawliċi jistgħu jiġu wżati temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2007 b'distanza iqsar minn 0.3 mili nawtiċi mill-kosta.

9. Id-deroga msemmija fil-paragrafu 5 għandha tapplika biss għal attivitajiet ta' sajd diġà awtorizzati mill-Istati Membri u għal bastimenti bi *track record* fis-sajd ta' iżjed minn ħames snin u m'għandhomx jinvolvu xi żieda futura fl-isforz tas-sajd provdut.

Lista ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati u l-karatteristiċi tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2007 u għandha tirrapporta l-paragun mal-karatteristiċi ta' din il-flotta fl-1 ta' Jannar 2000.

Barra minn hekk dawn l-attivitajiet ta' sajd għandhom:

(a) jissodisfaw r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4, l-Artikolu 8(1)(h), l-Artikolu 9(3)(2) u l-Artikolu 23,

(b) ma jfixklux l-attivitajiet ta' bastimenti li jużaw tagħmir ieħor barra minn xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew xbieki rmunkati simili,

(ċ) ikunu regolati sabiex jiġi żgurat li l-qabdiet ta' speċi msemmija fl-Anness III, bl-eċċezzoni tal-molluski bivalvi, ikunu minimi,

(d) ma jimmirawx lejn iċ-ċefalopodi.

L-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu pjan ta' monitoraġġ u jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-ewwel rapport għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Lulju 2009. Fid-dawl ta' dawn ir-rapporti l-Kummissjoni tista' tieħu azzjonijiet skond l-Artikolu 18 jew l-Artikolu 19(9) ta' dan ir-Regolament.

10. Id-derogi mill-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu permessi għal sajd li jibbenefika minn deroga taħt l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament u skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

11. B'deroga mill-paragrafu 2 l-użu tax-xbieki tat-tkarkir bejn 0.7 u 1.5 mili nawtiċi lil hinn mill-kosta għandu jiġi awtorizzat suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

– il-fond tal-baħar m'għandux ikun inqas minn 50 metru isobath;

– japplikaw limiti ġeografiċi partikolari bħad-daqs limitat tal-pjattaformi kostali matul il-kosta kollha ta' l-Istat Membru jew l-estensjoni limitata tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir;

– ma jkun hemm l-ebda impatt sinifikattiv fuq l-ambjent marittimu;

– ikun hemm konformità mal-paragrafu 9 is-subparagrafu 3(a),(b);

– m'għandux jirrikjedi l-ebda żieda fl-isforz għas-sajd fir-rigward ta' dak li diġà ikun awtorizzat mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2007 l-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' din id-deroga. Din in-notifika għandha tinkludi lista ta' bastimenti u żoni tas-sajd awtorizzati, kif identifikat minn koordinati ġeografiċi.

L-Istati Membri konċernati għandhom jimmonitorjaw l-attivitajiet tas-sajd fiż-żoni konċernati u jiżguraw evalwazzjoni xjentifika. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni xjentifika għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-ewwel rapport għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2009.

Jekk il-Kummissjoni, abbażi tan-notifiki pprovduti mill-Istati Membri skond is-subparagrafi 2 u 3, jew skond avviż xjentifiku ġdid, tikkunsidra li l-kondizzjonijiet għal deroga ma ntlaħqux, tista' wara li tkun ikkonsultat ma' l-Istati Membru konċernat, titolbu jemenda d-deroga jew tista' tipproponi lill-Kunsill miżuri adattati għall-protezzjoni tar-riżorsi u l-ambjent.

Artikolu 14

Derogi transizzjonali għall-qies minimu tal-malji u d-distanza minima mill-kosta għall-użu ta' tagħmir tas-sajd

1. Kwalunkwe tagħmir tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 9(3), (4) u (5), li l-qies minimu tal-malji tiegħu jkun iżgħar minn dak stabbilit hemmhekk, u li l-użu tiegħu ikun konformi mal-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994, jista' jintuża sal-31 ta' Mejju 2010 anke jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 13(9).

2. Kwalunkwe tagħmir tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 13(1), (2) u (3), użat f'distanza inqas mill-kosta minn dak stabbilita hemmhekk, u li l-użu tiegħu ikun konformi mal-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994, jista' jintuża sal-31 ta' Mejju 2010 anke jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 13(9).

3. Il-paragrafi 1 u 2 japplikaw sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl ta' evidenza xjentifika.

KAPITOLU V
DAQSIJIET MINIMI TA' ORGANIŻMI TAL-BAĦAR

Artikolu 15
Daqsijiet minimi ta' organiżmi tal-baħar

1. Organiżmu tal-baħar li jkun iżgħar mid-daqs minimu speċifikat fl-Anness III (minn issa 'l quddiem "organiżmi tal-baħar li jkunu għadhom żgħar") m'għandux jinqabad, jinżamm abbord, jiġi trasbordat, imniżżel l-art, trasferit, maħżun, mibjugħ, muri jew offert għall-bejgħ.

2. Id-daqs ta' l-organiżmi tal-baħar għandu jitkejjel skond l-Anness IV. Jekk ikun permess aktar minn metodu wieħed ta' kejl tad-daqs, l-organiżmi tal-baħar għandhom jitqiesu bħala tad-daqs meħtieġ jekk minn ta' l-inqas wieħed mill-kejl stipulati jkun daqs jew aktar mid-daqs minimu relevanti.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għaż-żgħar tas-sardin maqbuda għall-konsum mill-bniedem jekk dawn ikunu inqabdu b'tartaruni jew b'tartaruni tax-xatt u awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali stabbiliti fi pjan ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 19, sakemm l-istokk ta' sardin konċernat ikun fil-limiti bijoloġiċi mingħajr periklu.

Artikolu 16

Stokkjar mill-ġdid dirett u trapjant

1. B'deroga mill-Artikolu 15, jistgħu jinqabdu, jinżammu abbord, jiġu trasbordati, imniżżla l-art, trasferiti, maħżuna, mibjugħa, murija jew offerti għall-bejgħ ħajjin bil-għan tar-ristokkjar dirett jew trapjant organiżmi tal-baħar li jkunu għadhom żgħar bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru fejn iseħħu dawn l-attivitajiet.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qbid ta' organiżmi tal-baħar li jkunu għadhom żgħar għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jiġi mwettaq b'mod li jkun kompatibbli ma' kwalunkwe miżura ta' ġestjoni Komunitarja applikabbli għall-ispeċi konċernati.

3. L-organiżmi tal-baħar maqbuda għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1 għandhom jintefgħu lura fil-baħar jew jiġu użati għall-akkwakultura estensiva. Jekk sussegwentement jerġgħu jinqabdu, jistgħu jinbiegħu, jinħażnu, jintwerew jew jiġu offerti għall-bejgħ sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 15.

4. L-introduzzjoni u t-trapjant ta', u r-ristokkjar dirett bi, speċi mhux indiġeni għandhom ikunu projbiti ħlief meta jitwettqu skond il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

KAPITOLU VI
SAJD MHUX KUMMERĊJALI

Artikolu 17
Sajd bħala passatemp

1. L-użu ta' xbieki rmunkati, xbieki tat-tidwir, tartaruni tal-borża, gangmi tad-dgħajsa, gangmi mekkanizzati, xbieki tal-garġi, pariti u xbieki tal-qiegħ kombinati għandhom ikunu projbiti għas-sajd bħala passatemp. L-użu ta' konzijiet għal speċi ferm migratorji għas-sajd bħala passatemp għandu jkun projbit ukoll.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd bħala passatemp jitwettaq b'mod kompatibbli ma' l-objettivi u r-regoli ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabdiet ta' organiżmi tal-baħar li jirriżultaw minn sajd bħala passatemp ma jiġux kummerċjalizzati. Minkejja dan, bħala eċċezzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni ta' speċi maqbuda f'kompetizzjonijiet sportivi tista' tkun awtorizzata sakemm il-qligħ mill-bejgħ tagħhom ikun użat għal finijiet ta' karità.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri kemm sabiex jirreġistraw kif ukoll sabiex jiżguraw il-ġbir separat ta' *data* dwar qabdiet li jirriżultaw minn sajd bħala passatemp fir-rigward ta' speċi ferm migratorji elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) 973/2001[1] u li jseħħu fil-Mediterran.

5. L-Istati Membri għandhom jirregolaw is-sajd ta' taħt l-ilma b'ħarpuni b'mod partikolari sabiex ikunu sodisfatti l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(4).

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kollha adottati skond dan l-Artikolu.

---

1 ĠU L 137, 19.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 831/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 33).

KAPITOLU VII

PJANIJIET TA' ĠESTJONI

Artikolu 18

Pjanijiet ta' ġestjoni fuq livell Komunitarju

1. Il-Kunsill jista' jadotta pjanijiet ta' ġestjoni għal sajd Mediterran speċifiku, b'mod partikolari, f'żoni totalment jew parzjalment lil hinn mill-ibħra territorjali ta' l-Istati Membri. Dawn il-pjanijiet jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu:

(a) miżuri ta' ġestjoni ta' l-isforz ta' sajd;

(b) miżuri tekniċi speċifiċi, inklużi fejn ikun il-każ derogi temporanji għar-regoli ta' dan ir-Regolament meta tali derogi jkunu meħtieġa għall-operat tas-sajd u sakemm l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi konċernati tkun żgurata mill-pjan ta' ġestjoni;

(ċ) l-estensjoni ta' l-użu obbligatorju ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti jew sistemi simili għall-bastimenti ta' tul bejn 10 m u 15 m b'mod ġenerali;

(d) restrizzjonijiet temporanji jew permanenti għal żoni, riżervati għal ċerta tagħmir jew għal bastimenti li jkunu assumu obbligi fil-qafas tal-pjan ta' ġestjoni.

Il-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom jipprevedu ħruġ ta' permessi tas-sajd speċjali skond ir-Regolament (KE) Nru 1627/94[1].

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 bastimenti ta' tul globali ta' inqas minn 10 m jistgħu jkunu meħtieġa li jkollhom permess speċjali tas-sajd.

2. L-Istati Membri u/jew Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar tal-Mediterran jistgħu jippreżentaw suġġerimenti lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni għandha twieġeb għal tali talbiet fi żmien tliet xhur minn meta tirċevihom.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-pjanijiet ta' ġestjoni. B'mod partikolari, ċerti miżuri ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta speċi ta' ħajja qasira għandhom ikunu riveduti kull sena sabiex jittieħed kont tal-bidliet li hemm ċans li jseħħu fil-kapaċitajiet tar-reklutaġġ.

Artikolu 19

Pjanijiet ta' ġestjoni għal ċertu sajd

fl-ibħra territorjali

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw, sal-31 ta' Diċembru 2007, pjanijiet ta' ġestjoni għal sajd imwettaq bi xbieki tat-tkarkir, b'tartaruni, tartartuni tax-xatt, xbieki tat-tidwir u gangmi fl-ibħra territorjali tagħhom. L-Artikolu 6(2), (3) u (4) l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandu japplika għal dawk il-pjanijiet ta' ġestjoni.

---

1 ĠU L 171, 23.6.1998, p. 7.

2. L-Istati Membri jistgħu sussegwentement jagħżlu pjanijiet ta' ġestjoni oħra abbażi ta' l-informazzjoni xjentifika relevanti ġdida.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw monitoraġġ xjentifiku adegwat tal-pjanijiet ta' ġestjoni. B'mod partikolari, ċerti miżuri ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta speċi ta' ħajja qasira għandhom ikunu riveduti kull sena sabiex jittieħed kont tal-bidliet li x'aktarx li jseħħu fil-kapaċitajiet tar-reklutaġġ.

4. Il-pjanijiet ta' ġestjoni jistgħu jinkludu miżuri li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bil-għan li:

(a) tiżdied is-selettività tat-tagħmir tas-sajd;

(b) jitnaqqas ir-rimi;

(ċ) jiġi limitat l-isforz ta' sajd.

5. Il-miżuri li għandhom ikunu inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom ikunu proporzjonati ma' l-objettivi, il-miri u l-perjodu ta' żmien involut mistenni, u għandhom iqisu:

(a) l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-istokk jew ta' l-istokkijiet;

(b) il-karatteristiċi bijoloġiċi ta' l-istokk jew ta' l-istokkijiet;

(ċ) il-karatteristiċi tas-sajd li fih jinqabdu l-istokkijiet;

(d) l-impatt ekonomiku tal-miżuri fuq is-sajd konċernat.

6. Il-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom jipprevedu ħruġ ta' permessi tas-sajd speċjali skond ir-Regolament (KE) Nru 1627/94.

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 bastimenti ta' tul globali ta' inqas minn 10 m jistgħu jkunu mitluba li jkollhom permess tas-sajd speċjali.

7. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġu notifikati lill-Kummissjoni, sat-

30 ta' Settembru 2007 sabiex din tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha qabel ma jiġi adottat il-pjan. Il-pjanijiet ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data prevista għad-dħul fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-pjanijiet lill-Istati Membri l-oħra.

8. Fil-każ fejn hemm ċans li pjan ta' ġestjoni jaffettwa l-bastimenti ta' Stat Membru ieħor, għandu jkun adottat biss wara konsultazzjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali konċernat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 (3) sa (6) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

9. Jekk il-Kummissjoni, abbażi tan-notifika msemmija fil-paragrafu 7 jew ta' parir xjentifiku ġdid, tikkunsidra li pjan ta' ġestjoni adottat taħt il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 mhux suffiċjenti sabiex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tar-riżorsi u l-ambjent, tista', wara li tkun ikkonsultat ma' l-Istati Membri, titolbu jemenda l-pjan jew tista' tipproponi lill-Kunsill miżuri adattati għall-protezzjoni tar-riżorsi u l-ambjent.

Kapitolu VIII

Miżuri ta' kontroll

Artikolu 20

Qabda ta' speċi ta' mira

1. Il-perċentwali msemmi fl-Artikolu 9(4) u (6), l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 13(1) għandhom jiġu kalkolati bħala l-proporzjoni b'piż ħaj ta' l-organiżmi akkwatiċi ħajjin kollha abbord wara li jkunu ntagħżlu jew fil-mument tat-tniżżil l-art. Jistgħu jkunu kalkolati abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.

2. Fil-każ ta' bastimenti tas-sajd li minnhom ġew trasbordati kwantitajiet ta' organiżmi akkwatiċi ħajjin, il-kwantitajiet mibgħuta bil-baħar għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-perċentwali msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 21

Trasbord

Il-kaptani ta' bastimenti ta' sajd li jżommu *logbook* skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 biss jistgħu jittrasbordaw organiżmi akkwatiċi ħajjin għal bastimenti oħra, jew jirċievu trasbordi ta' tali organiżmi minn bastimenti oħra.

Artikolu 22

Portijiet magħżula

1. Il-qabdiet li jsiru minn dgħajjes tat-tkarkir tal-qiegħ, dgħajjes tat-tkarkir pelaġiċi, tartaruni tal-borża, konzijiet tal-wiċċ, xbieki tat-tkarkir tad-dgħajsa u gangmi idrawliċi għandhom jitniżżlu l-art u jkunu kummerċjalizzati għall-ewwel darba biss fi kwalunkwe wieħed mill-portijiet magħżula mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sat-30 ta'April 2007 b'lista tal-portijiet magħżulin. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti l-lista lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 23

Monitoraġġ tal-qabdiet

Fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-operazzjonijiet ta' sajd fil-Baħar tal-Mediterran kwalunkwe ammont akbar minn ekwivalenti ta' 15-il kg ta' piż ħaj miżmum abbord ta' kwalunkwe speċi indikata f'lista adottata b'mod konformi mal-paragrafu 8 għandu jiġi reġistrat fil-ġurnal ta' abbord.

Madankollu, għal speċi ferm migratorji u għal speċi pelaġiċi żgħar, kwalunkwe ammont akbar mill-ekwivalenti ta' 50 kg ta' piż ħaj għandu jiġi reġistrat fil-ġurnal ta' abbord".

Artikolu 24

Reġistru ta' bastimenti awtorizzati li jistadu fiż-żona tal-Ftehim GFCM

1. Qabel l-1 ta' Ġunju 2007 kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz ta' l-appoġġ solitu ta' proċessar tad-*data*, lista tal-bastimenti ta' tul ta' aktar minn 15-il metru b'kollox li jtajru l-bandiera tiegħu u reġistrati fit-territorju tiegħu li huwa jawtorizza li jistadu fiż-żona GFCM permezz tal-ħruġ ta' permess tas-sajd.

2. Il-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tar-reġistru tal-flotta Komunitarja tal-bastiment (CFR), u mmarkar estern kif definit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 26/2004[1];

(b) il-perjodu awtorizzat għas-sajd u/jew trasbord

(ċ) tagħmir tas-sajd użat.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-lista lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM qabel l-1 ta' Lulju 2007 sabiex b'hekk dawn il-bastimenti jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-GFCM ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru f'tul globali awtorizzat li jistadu fiż-żona tal-Ftehim GFCM (minn hawn 'il quddiem: ir-reġistru GFCM).

4. Kwalunkwe bidla magħmula fil-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni sabiex tkun trasmessa lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM, bl-applikazzjoni ta' l-istess proċedura, mill-inqas 10 ijiem ta' xogħol qabel ma l-bastiment jibda l-attività ta' sajd fiż-żona GFCM.

---

1 ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25.

5. Il-bastimenti tas-sajd Komunitarji ta' tul ta' aktar minn 15-il metru b'kollox li mhumiex imdaħħla fil-lista indikata fil-paragrafu 1 m'għandhomx jistadu, jżommu abbord, jittrasbordaw jew iniżżlu l-art kwalunkwe tip ta' ħut jew molluski tal-baħar fiż-żona GFCM.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li:

(a) bastimenti li jkunu qed itajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu 1 u li jżommu abbord permess tas-sajd maħruġ minnhom biss ikunu awtorizzati, taħt it-termini tal-permess, li jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona GFCM;

(b) l-ebda permess tas-sajd ma jinħareġ lil bastimenti li wettqu sajd illegali, mhux regolat u mhux rappurtat fiż-żona GFCM jew x'imkien ieħor (sajd IUU), dment li sidien ġodda ma jipprovdux evidenza dokumentarja adegwata li s-sidien u l-operaturi preċedenti ma għad għandhom l-ebda interess legali, benefiċjali jew finanzjarju fil-bastimenti tagħhom, jew li ma jeżerċitaw l-ebda kontroll fuq il-bastimenti tagħhom, jew li l-bastimenti tagħhom la jieħdu sehem f'sajd IUU u lanqas ma huma assoċjati miegħu;

(ċ) sa fejn hu possibbli, il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tipprojbixxi lis-sidien u l-operaturi ta' bastimenti li jkunu qed itajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu 1 milli jieħdu sehem fi jew li jkun assoċjati ma' attivitajiet tas-sajd fiż-żona ta' Ftehim GFCM min-naħa ta' bastimenti li mhumiex fuq ir-reġistru GFCM;

(d) sa fejn hu possibbli, il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom titlob li s-sidien ta' bastimenti li jkunu qed itajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu jkunu ċittadini jew entitajiet legali fi ħdan l-Istat Membru tal-bandiera.

(e) il-bastimenti tagħhom jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-GFCM relevanti kollha.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprojbixxu s-sajd, iż-żamma abbord, it-trasbord u t-tniżżil l-art ta' ħut u molluski tal-baħar maqbud fiż-żona GFCM minn bastimenti ta' aktar minn 15-il metru f'tul globali li mhumiex fuq ir-reġistru GFCM.

8. L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jgħaddu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni li turi li hemm raġunijiet sodi sabiex ikun suspettat li bastimenti ta' aktar minn 15-il metru f'tul globali li mhumiex fuq ir-reġistru GFCM qed jistadu għal jew qed jittrasbordaw ħut u molluski tal-baħar fiż-żona tal-Ftehim GFCM.

KAPITOLU IX
MIŻURI GĦAL SPEĊI MIGRATORJI ĦAFNA

Artikolu 25
Sajd għall-pixxispad

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' pixxispad prematur fl-età fil-Baħar tal-Mediterran qabel il-31 ta' Diċembru 2007.

KAPITLU X

MIŻURI GĦALL-IBĦRA MADWAR MALTA

Artikolu 26

Iż-żona ta ġestjoni ta 25 mil madwar Malta

1. L-aċċess ta' bastimenti Komunitarji għall-ibħra u r-riżorsi fiż-żona li testendi sa 25 mil nawtiku mill-linji ta' bażi madwar il-gżejjer Maltin (minn hawn 'il quddiem “iż-żona ta' ġestjoni”) għandu jkun regolat kif ġej:

(a) sajd fiż-żona ta' ġestjoni għandu jkun limitat għal bastimenti tas-sajd iżgħar minn 12-il metru ta' tul globali bl-użu ta' tagħmir mhux ta' l-irmonk;

(b) l-isforz ta' sajd totali ta' dawk il-bastimenti, espressi f'termini tal-kapaċità ta' sajd globali, m'għandux jaqbeż il-livell medju osservat fl-2000-2001 li jikkorrispondi ma' 1950 bastiment b'saħħa tal-magna u tunnellaġġ globali ta' 83000 kW u 4035 GT rispettivament.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, dgħajjes tat-tkarkir li ma jaqbżux tul globali ta' 24 metru għandhom ikunu awtorizzati li jistadu f'ċerti żoni fiż-żona ta' ġestjoni, kif deskritt fl-Anness V, parti (a), għal dan ir-Regolament, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kapaċità ta' sajd globali tad-dgħajjes tat-tkarkir permessi li joperaw fiż-żona ta' ġestjoni ma għandhiex taqbeż il-limitu ta' 4800 kW;

(b) il-kapaċità ta' sajd ta' kwalunkwe dgħajsa tat-tkarkir awtorizzata li topera fi profondità ta' inqas minn 200 metru ma għandhiex taqbeż il-185 kW; l-isobata ta' 200 metru ta' profondità għandha tkun identifikata b'linja miksura, li tgħaqqad il-punti elenkati fl-Anness V, parti (b), għal dan ir-Regolament;

(ċ) id-dgħajjes tat-tkarkir li jistadu fiż-żona ta' ġestjoni għandhom ikollhom permess tas-sajd speċjali skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar permessi[1] tas-sajd speċjali u għandhom ikunu inklużi f'lista li jkun fiha l-immarkar estern tagħhom u n-numru tar-reġistru tal-flotta Komunitarja (CFR) kif definit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 26/2004 li għandha tiġi provduta lill-Kummissjoni annwalment mill-Istati Membri konċernati;

(d) il-limiti ta' kapaċità stipulati fil-punti (a) u (b) għandhom ikunu perjodikament valutati mill-ġdid, wara l-parir minn korpi xjentifiċi relevanti dwar l-effetti tagħhom fuq l-konservazzjoni ta' stokks.

3. Jekk il-kapaċità ta' sajd globali msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2, taqbeż il-kapaċità ta' sajd globali ta' dgħajjes tat-tkarkir b'tul globali li jkun daqs, jew inqas minn, 24 metru u li jopera fiż-żona ta' ġestjoni fil-perjodu ta' referenza 2000-2001 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "kapaċità ta' sajd ta' referenza"), il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 29 talloka dan l-ammont żejjed ta' kapaċità tas-sajd disponibbli bejn l-Istati Membri b'kont meħud ta' l-interess ta' l-Istati Membri li jkunu qed jitolbu awtorizzazzjoni.

Il-kapaċità ta' sajd ta' referenza tikkorrispondi għal 3600 kW.

---

1 ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.

4. Il-permessi speċjali tas-sajd għall-ammont żejjed ta' kapaċità ta' sajd disponibbli msemmi fil-paragrafu 3 għandhom jinħarġu biss lil bastimenti inklużi fir-reġistru tal-flotta Komunitarja fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

5. Jekk il-kapaċità ta' sajd globali tad-dgħajjes tat-tkarkir awtorizzati li joperaw fiż-żona ta' ġestjoni skond il-punt (ċ) tal-paragrafu 2 taqbeż il-limitu stabbilit fil-punt (a) tal-paragrafu 2, minħabba li dak il-limitu tbaxxa wara r-reviżjoni prevista fil-punt (d) tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha talloka l-kapaċità ta' sajd bejn l-Istati Membri fuq il-bażi li ġejja:

(a) kapaċità ta' sajd f'kW li tikkorrispondi għal bastimenti li jkunu stadu fiż-żona matul il-perjodu 2000-2001 għandhom jiġu l-ewwel;

(b) kapaċità ta' sajd f'kW li tikkorrispondi għal bastimenti li jkunu stadu fi kwalunkwe żmien ieħor fiż-żona għandhom jiġu t-tieni;

(ċ) kwalunkwe kapaċità ta' sajd li jkun baqa' għal bastimenti oħra għandha tinqasam bejn l-Istati Membri b'kont meħud ta' l-interessi ta' l-Istati Membri li jkunu qed jitolbu awtorizzazzjoni.

6. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, bastimenti li jistadu b'tartaruni tal-borża jew b'konzijiet u bastimenti li jkunu qed jistadu għal-lampuki skond l-Artikolu 27 għandhom ikunu awtorizzati sabiex joperaw fiż-żona ta' ġestjoni. Għanhom jingħataw permess tas-sajd speċjali skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 u għandhom ikunu inklużi f'lista li jkun fiha l-immarkar estern tagħhom u n-numru tar-reġistru tal-flotta Komunitarja (CFR) kif definit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 26/2004, li għandha tiġi provduta lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru. L-isforz ta' sajd għandu xorta waħda jkun kontrollat sabiex tkun imħarsa s-sostenibbiltà ta' dawn is-sajd fiż-żona.

7. Il-kaptan ta' kwalunkwe dgħajsa tat-tkarkir awtorizzat li jistad fiż-żona ta' ġestjoni skond il-paragrafu 2 li mhux mgħammar b'VMS għandu jissinjala kull dħul fiż-żona ta' ġestjoni u kull ħruġ minnha lill-awtoritajiet tagħha u lill-awtoritajiet ta' l-istat kostali.

Artikolu 27

Sajd għal-lampuki

1. Għandu jkun projbit li jsir sajd għal-lampuki (*Coryphaena* spp.) fiż-żona ta' ġestjoni permezz ta' apparat aggregattiv tas-sajd (FADs) mill-1 ta' Jannar sal-5 ta' Awissu ta' kull sena.

2. In-numru ta' bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd għal-lampuki fiż-żona m'għandux jaqbeż il-130.

3. L-awtoritajiet Maltin għandhom jistabbilixxu rotot FAD u jallokaw kull rotta FAD lil bastimenti tas-sajd Komunitarji sa mhux aktar tard minn dak tat-30 ta' Ġunju kull sena. Il-bastimenti tas-sajd Komunitarji li jtajru bandiera diversa minn dik ta' Malta m'għandhomx ikunu awtorizzati joperaw rotta FAD fiż-żona ta' 12-il mil.

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29, tistabbilixxi l-kriterji li għandhom ikunu applikati għall-istabbiliment u l-allokazzjoni ta' rotta FAD.

4. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jipparteċipaw fis-sajd għal-lampuki għandhom jingħataw permess tas-sajd speċjali skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 u għandhom ikunu inklużi f'lista li jkun fiha l-immarkar estern tagħhom u n-numru tar-reġistru tal-flotta Komunitarja (CFR) kif definit fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 26/2004 li għandha tiġi provduta lill-Kummissjoni mill-Istat Membru konċernat. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94, il-bastimenti ta' tul globali ta' inqas minn 10 metri għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom permess speċjali tas-sajd.

KAPITOLU XI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 28

Proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet

Ħlief fejn previst mod ieħor minn dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

Artikolu 29

Regoli ta' implimentazzjoni

Għandhom jiġi adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 u 27 ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 30

Emendi

Għandhom jiġi adottati emendi għall-Annessi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 31

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru. 1626/94 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinqraw bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

ANNESS I

Kondizzjonijiet tekniċi għal twaħħil ma' u t-tħejjija ta' xbieki tat-tkarkir

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) “xbieki bi brim multiplu” tfisser xbieki mibnija minn żewġ barmiet jew aktar, f'liema każ il-barmiet jistgħu jiġu separati bejn l-għoqod mingħajr ħsara lill-istruttura tal-brim;

(b) “xbieki mingħajr għoqod” tfisser xbieki li huwa magħmul minn malji b'erba' naħat ta' tul bejn wieħed u ieħor indaqs li fihom il-kantuniera tal-malji huma ffurmati bin-nisġa tal-barmiet ta' żewġ naħat maġenb xulxin tax-xibka;

(ċ) “xbieki b'malji kwadri” tfisser kostruzzjoni ta' xbiek immuntat b'tali mod li miż-żewġ settijiet ta' linji paralleli ffurmati mill-ġnub tal-malji, sett wieħed ikun paralleli ma' u l-ieħor f'angolu rett ma' l-assi t-twil tax-xibka;

(d) “il-korp tat-tkarkir” tfisser il-parti li ġejja għax-xejn fil-parti ta' quddien ta' xibka tat-tkarkir;

(e) “il-biċċa ta' estensjoni” tfisser il-parti li mhux ġejja għax-xejn, magħmula minn panew wieħed jew aktar, bejn il-korp tat-tkarkir u t-tarf magħluq;

(f) "it-tarf magħluq" ("*cod-end*") tfisser il-parti tax-xifer nett ta' wara ta' xibka tat-tkarkir, b'xibka ta' l-istess daqs ta' malji, li jkollha forma ċilindrika jew li ġejja għax-xejn, li l-*cross-sections* transversali tagħha huma kważi ċirku ta' l-istess radju jew ta' radju li qed jiċkien rispettivament.

(g) "tarf magħluq ballun" tfisser kwalunkwe tarf magħluq magħmul minn panew kontigwu wieħed jew aktar, b'xibka ta' l-istess daqs ta' malji, li n-numru ta' malji tagħha jiżdied filwaqt li jmur lejn il-parti tax-xifer ta' wara nett tat-tagħmir u b'hekk jikkawża estensjoni tat-tul transversali, fir-rigward ta' l-assi lonġitudinali tax-xibka, u taċ-ċirkomferenza tal-tarf magħluq;

(h) "tarf magħluq tat-tip tal-but" tfisser kwalunkwe tarf magħluq li l-għoli vertikali tiegħu jonqos lejn il-parti ta' wara nett tat-tarf magħluq u li l-*cross-sections* transversali tiegħu huma kważi ellissi ta' l-istess assi prinċipali jew li qed jonqsu. Il-parti ta' wara nett tat-tarf magħluq hija magħmula jew minn panew mitni singolu jew minn qfil transversali flimkien, fir-rigward ta' l-assi lonġitudinali tax-xibka, il-panewijiet ta' wara nett ta' fuq u ta' taħt;

(i) "ħabel ta' l-irbit transversali" tfisser kwalunkwe ħabel estern jew intern li jkun għaddej transversalment, fir-rigward ta' l-assi lonġitudinali tax-xibka, fil-parti ta' wara nett tat-tarf magħluq matul il-parti fejn jingħaqdu żewġ panewijiet ta' fuq u ta' taħt jew matul il-liwja tal-panew ta' wara nett singolu. Jista' jkun prolongazzjoni tal-ħabel ta' l-irbit laterali jew ħabel separat;

(j) "perimetru taċ-ċirkomferenza" ta' kwalunkwe *cross section* f'xibka b'malji djamant ta' xibka tat-tkarkir għandu jkun ikkalkulat bħala n-numru ta' malji f'dik il-*cross section* multiplikat bid-daqs tal-malji mġebbda;

(k) "perimetru taċ-ċirkomferenza" ta' kwalunkwe *cross section* f'xibka b'malji kwadri ta' xibka tat-tkarkir għandu jiġi kkalkulat bħala n-numru ta' malji f'dik il-*cross section* multiplikat bit-tul tal-ġenb tal-malji;

(a) <u>Żidiet awtorizzati għax-xbieki tat-tkarkir</u>

1. Minkejja l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3440/84 jista' jintuża appart mekkaniku ta' għeluq b'żip li huwa trasversali, fir-rigward ta' l-assi lonġitudinali tax-xibka, jew għat-tul, sabiex tingħalaq il-fetħa għat-tbattil tat-tarf magħluq tat-tip tal-but.

2. L-għeluq b'żip transversali għandu jitwaħħal f'distanza li ma tkunx aktar minn metru mill-malji ta' wara tat-tarf magħluq.

(b) Rekwiżiti ta' immuntar

1. Tarf magħluq ballun għandu jkun ipprojbit fi xbieki tat-tkarkir. Fi kwalunkwe tarf magħluq singolu n-numru ta' malji ta' daqs indaqs madwar kwalunkwe ċirkomferenza tat-tarf magħluq m'għandux jiżdied mill-biċċa ta' quddiem għall-biċċa ta' wara.

2. Iċ-ċirkomferenza tal-parti ta' wara nett tal-korp tat-tkarkir (il-parti li ġejja għax-xejn) jew tal-parti ta' l-estensjoni (il-parti li mhux ġejja għax-xejn) m'għandiex tkun iżgħar miċ-ċirkomferenza tal-parti ta' quddiem tat-tarf magħluq *sensu stricto*. Fil-każ ta' tarf magħluq b'malja kwadra, b'mod partikolari, iċ-ċirkomferenza tal-parti ta' wara nett tal-korp tat-tkarkir jew tal-parti ta' estensjoni għandha tkun minn darbtejn sa erba' darbiet iċ-ċirkomferenza tal-part ta' quddiem tat-tarf magħluq *sensu stricto*.

3. Panewijiet ta' malji kwadri jistgħu jiġu inseriti fi kwalunkwe xibka rmunkata u għandhom jitqiegħdu quddiem kwalunkwe parti ta' estensjoni jew fi kwalunkwe punt bejn il-parti ta' quddiem ta' kwalunkwe parti ta' estensjoni u l-posterjuri tat-tarf magħluq. M'għandiex tkun imfixkla bi kwalunkwe mod minn żidiet interni jew esterni. Għandha tkun magħmula minn xbieki mingħajr għoqod jew minn xbieki magħmula minn għoqod li ma jiżolqux, u għandha tkun imdaħħla b'tali mod li l-malji jibqgħu kompletament miftuħa l-ħin kollu waqt is-sajd. Regoli dettaljati għal speċifikazzjonijiet tekniċi ulterjuri ta' panewijiet ta' malji kwadri għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

4. Analogament, apparat tekniku bil-ħsieb tat-titjib tas-selettività ta' xbieki bit-tkarkir, minbarra dak imsemmi fil-punt b.3 hawn fuq, jista' jiġi awtorizzat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

5. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kwalunkwe xibka rmunkata li t-tarf magħluq tagħha huwa magħmul kollu kemm hu jew f'parti minnu minn materjal ta' xbieki magħmula minn malji li mhumiex malji kwadri jew malji djamant għandu jkun projbit sakemm ma jkunx awtorizzat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

6. Il-paragrafu 4-5 m'għandux japplika għal kwalunkwe tartarun tad-dgħajjes li t-tarf magħluq tiegħu għandu daqs tal-malji iżgħar minn 10 mm.

7. B'modifika ta' l-Artikolu 6 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 3440/84 il-qies tal-malja tal-borża ta' rinforz għandha tkun mhux inqas min 120 mm għal dgħajjes tat-tkarkir tal-qiegħ jekk il-malji tat-tarf magħluq huma iżgħar minn 60 mm. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għall-Baħar tal-Mediterran u għandha tkun mingħajr preġudizzju għal ibħra Komunitarji oħra. Jekk id-daqs tal-malji tat-tarf magħluq ikun daqs jew akbar minn 60 mm f'dak il-każ l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3440/84 għandu japplika.

8. It-tarf magħluq tat-tip tal-but m'għandux ikollu aktar minn ftuħ wieħed sabiex ibattal.

9. It-tul tal-ħabel ta' l-irbit transversali m'għandux ikun ta' inqas minn 20% taċ-ċirkomferenza tat-tarf magħluq.

10. Iċ-ċirkomferenza tal-borża ta' rinforz, kif definita fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 3440/84, m'għandiex tkun inqas minn 1.3 darbet dik tat-tarf magħluq għal xbieki ta' dgħajjes tat-tkarkir tal-qiegħ.

11. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kwalunkwe xibka rmunkata magħmula kollha kemm hi jew f'parti fit-tarf magħluq minn materjali ta' xbieki bil-brim singolu li jkollhom il-ħxuna tal-brim ta' aktar minn 3,0 millimetru għandu jkun projbit.

12. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kwalunkwe xibka rmunkata magħmula kollha kemm hi jew f'parti fit-tarf magħluq minn materjali ta' xbieki li jikkonsistu fi brim multiplu għandu jkun projbit.

13. Materjali ta' xbieki li għandhom ħxuna tal-brim akbar minn 6 mm għandhom ikunu projbiti fi kwalunkwe parti ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ.

ANNESS II

Rekwiżiti relatati mal-karatteristiċi ta' tagħmir tas-sajd

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(1) it-tul ta' l-ixbieki għandu jkun definit mit-tul tal-lenza. It-tul ta' l-ixbieki mqabbda mal-qiegħ u ta' l-ixbieki tal-mitlaq jista' jkun definit ukoll abbażi tal-piż jew tal-volum tal-massa tiegħu.

(2) it-twaddib tax-xbieki għandu jkun definit bħala s-somma ta' l-għoli tal-malji (inklużi l-għoqod) meta jkunu mxarrba u mġebbda b'mod perpendikulari għal-lenza.

1. Xbieki tat-Tkarkir

Il-wisa' massimu ta' dreġis għandu jkun ta' 3 m, ħlief fil-każ ta' dreġis għal sajd ta' l-isponoż ( ).

2. Xbieki tat-tidwir (tartaruni tal-borża u tartaruni mingħajr lenza tal-borża)

It-tul tax-xbiek għandu jkun ristrett għal 800 m u l-waqa' għal 120 m, ħlief il-każ ta' dgħajjes tat-tkarkir tat-tonn.

3. Xbieki mqabbda mal-qiegħ

3.1 Pariti u xbieki tal-garġi mqabbda fil-qiegħ

(1) Il-waqa' massima ta' pariti m'għandiex taqbeż l-4 m.

(2) Il-waqa' massima ta' xibka mqabbda mal-qiegħ m'għandhiex taqbeż l-10 m.

(3) Għandu jkun projbit li jkun hemm abbord jew li jintefgħu aktar minn 6000 m ta' parit, xbiek tal-garġi mqabbda mal-qiegħ għal kull bastiment, b'kont meħud li, minn Jannar 2008, fil-każ ta' sajjied singolu, dawn ix-xbiek ma jistgħux jaqbżu l-4000 metru, li magħhom jistgħu jiżdiedu 1000 metru ieħor għat-tieni sajjied u 1000 metru ieħor għat-tielet wieħed. Sal-31 ta' Diċembru 2007 tali xbieki m'għandhomx jeċċedu 5000 metru fil-każ ta' sajjied singolu jew it-tieni sajjied u 6000 metru għat-tielet wieħed.

(4) Il-monofilament jew id-dijamentru tal-brim tax-xibka tal-garġi mqabbda mal-qiegħ m'għandux jaqbeż il-0,5 mm.

(5) B'deroga mill-paragrafu 2, xibka tal-garġi mqabbda mal-qiegħ jew xibka tal-garġi li żżomm fil-wiċċ ankrata ta' tul massimu iqsar minn 500 m jista' jkollha waqa' massima sa 30m. Għandu jkun projbit li jinżamm abbord jew li jkunu ssettjati aktar minn 500 m ta' xibka tal-garġi mqabbda mal-qiegħ jew xibka tal-garġi li żżomm fil-wiċċ ankrata meta taqbeż il-limitu ta' waqa' ta' 10 m kif stabbilit fil-paragrafu 2.

3.2 Xbieki mqabbda mal-qiegħ kombinati (konzijiet + xbiek tal-garġi)

(1) Il-waqa' massima ta' xibka mqabbda mal-qiegħ kombinata m'għandiex taqbeż l-10 m.

(2) Għandu jkun projbit li jinżamm abbord jew ikun issettjat aktar minn 2500 m ta' xbieki kombinat għal kull bastiment.

(3) Il-monofilament jew id-dijamentru tal-brim tax-xibka tal-garġi m'għandux jaqbeż il-0,5mm.

(4) B'deroga mill-paragrafu 1, xibka mqabbda mal-qiegħ kombinata ta' tul massimu ta' 500 m jista' jkollha waqa' massima ta' 30 m. Għandu jkun projbit li jinżamm abbord jew li jkunu ssettjati aktar minn 500 m ta' xibka mqabbda mal-qiegħ kombinata meta taqbeż il-limitu ta' waqa' ta' 10 m kif stabbilit fil-paragrafu 1.

4. Konzijiet imqabbda mal-qiegħ

(1) Għandu jkun projbit li jinżammu abbord jew li jkunu ssettjati aktar minn 1000 sunnara għal kull persuna abbord fil-limitu gloabli ta' 5000 sunnara għal kull bastiment.

(2) B'deroga mill-paragrafu 1 kull bastiment li jkun qed iwettaq vjaġġi ta' sajd itwal minn 3 ijiem jista' jkollu abbord numru massimu ta' 7000 sunnara.

5. Nases għal sajd krustaċju tal-baħar fond

Għandu jkun projbit li jinżammu abbord jew li jkunu ssettjati aktar minn 250 nassa għal kull bastiment.

6. Konzijiet issettjati fil-wiċċ (jżommu fil-wiċċ)

Għandu jkun projbit li jinżammu abbord jew li jkunu ssettjati aktar minn:

(1) 2 000 sunnara għal kull bastiment għal bastimenti li jkunu qed jimmiraw lejn it-tunnaġġ (Thunnus thynnus) fejn dawn l-ispeċi jagħmlu minn ta' l-inqas 70% tal-qabda f'piż ħaj wara li jiġu magħżula;

(2) 3 500 sunnara għall-bastimenti li jkunu qed jimmiraw lejn il-pixxispad (Xyphias gladius) fejn dawn l-ispeċi jagħmlu minn ta' l-inqas 70% tal-qabda f'piż ħaj wara li jiġu magħżula;

(3) 5 000 sunnara għal kull bastiment għal bastimenti li jkunu qed jimmiraw lejn it-tonn abjad (Thunnus alalunga) fejn dawn l-ispeċi jagħmlu minn ta' l-inqas 70% tal-qabda f'piż ħaj wara li jiġu magħżula;

(4) B'deroga mis-subparagrafi 1, 2 u 3 kull bastiment li jkun qed iwettaq vjaġġi ta' sajd itwal minn jumejn jista' jkollu abbord numru ekwivalenti ta' sunnari żejda.

7. Xbieki tat-tkarkir

Għandhom jiġu adottati, sa Ottubru 2007, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, speċifikazzjonijiet tekniċi li jillimitaw id-dimensjoni massima ta' *floatline*, *groundrope*, ċirkomferenza jew perimetru tax-xbieki tat-tkarkir flimkien man-numru massimu ta' xbiek fi xbiek tat-tkarkir *multi-rig*.

ANNESS III

Daqsijiet Minimi ta' organiżmi tal-baħar

ISEM XJENTIFIKU	*COMMON NAME*	Qisien minimi
1. Ħut		
Dicentrarchus labrax	*Sea-bass*	25 ċm
Diplodus annularis	*Sparlu*	12 ċm
Diplodus puntazzo	*Mogħża*	18 ċm
Diplodus sargus	*Sargu*	23 ċm
Diplodus vulgaris	*Xirgien*	18 ċm
Engraulis encrasicolus *	*Inċova ewropea*	9 ċm
Epinephelus spp.	*Ċerna*	12 ċm
Lithognathus mormyrus	*Stripped sea-bream*	12 ċm
Merluccius merluccius ***	*Marlozz*	12 ċm
Mullus spp.	*Trilja*	12 ċm
Pagellus acarne	*Breams tal-bahar Sharpsnout*	12 ċm
Pagellus bogaraveo	*Paġella ħamra*	12 ċm
Pagellus erythrinus	*Paġilla*	12 ċm
Pagrus pagrus	*Pagru komuni*	18 ċm
Polyprion americanus	*Wreckfish*	12 ċm
*Sardina pilchardus***	*Sardina*	12 ċm
Scomber japonicus	*Kavall*	18 ċm
Scomber scimbrus		18 ċm
Solea vulgaris	*Lingwata*	12 ċm
Sparus aurata	*Awrata*	12 ċm
Trachurus spp.	*Horse mackerel, Scad*	12 ċm

ISEM XJENTIFIKU	*COMMON NAME*	Qisien minimi
2. Krustaċji		
Homarus gammarus	*Ljunfant tal-baħar*	300 mm TL 105 mm CL
Nephrops norvegicus	*Awwista tan-Norveġja*	20 mm CL 70 mm TL
Palinuridae	*Gamblu*	90 mm CL
Parapenaeus longirostris	*Gamblu roża tal-mediterran*	20 mm CL
3. Bivalvi molluski		
Pecten jacobeus	*Pellegrina*	12 ċm
Venerupis spp.	*Carpet-clams*	12 ċm
Venus spp.	*Venus-shells*	12 ċm

TL tul totali; CL tul tal-karpaċi;

(*) Anċova: L-Istati Membri jistgħu jikkonvertu d-daqs minimu f'110 kampjun għal kull kg;

(**) Sardin: L-Istati Membri jistgħu jikkonvertu d-daqs minimu f'55 kampjun għal kull kg;

(***) Marlozz: Madankollu, sal-31 ta' Diċembru 2008 marġini ta' tolleranza ta' 15% tal-piż se ikun permess għall-marlozz bejn il-15 u l-20 ċm. Dan il-limitu ta' tolleranza għandu jkun rispettat kemm minn bastimenti individwali, fuq il-baħar jew fil-post tat-tniżżil l-art, u fis-swieq ta' l-ewwel bejgħ wara t-tniżżil l-art. Dan il-limitu għandu wkoll ikun rispettat fi kwalunkwe transazzjoni kummerċjali sussegwenti fuq il-livell nazzjonali u internazzjonali.

ANNESS IV

Tkejjil tad-daqs ta' organiżmu tal-baħar

1. Id-daqs ta' kwalunkwe ħuta għandu jkun imkejjel, kif muri fil-Figura 1, mit-tarf tal-geddum tal-ħuta sat-tarf tad-denb.

2. Id-daqs ta' awwista Norveġiża (*Nephrops norvegicus)* għandu jiġi mkejjel kif muri fil-Figura 2:

   – either as the length of the carapace, parallel to the midline, from the back of either eye socket to the midpoint of the distal dorsal edge of the carapace, or,

   – bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostrum sat-tarf ta' wara tat-telson, mingħajr l-inklużjoni tas-*setae*. setae.

3. Id-daqs ta' l-awwisti bix-xewk (Palinuridae) għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 3 bħala t-tul tal-karpaċi, paralleli għal-linja tan-nofs, mill-ponta tar-rostrum sal-linja tan-nofs tax-xifer dorsali tat-tarf tal-karpaċi, jew,

   – bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostrum sat-tarf ta' wara tat-telson, mingħajr l-inklużjoni tas-*setae*.

4. Id-daqs ta' l-awwisti bix-xewk (Palinuridae) għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 4 bħala t-tul tal-karpaċi, paralleli għal-linja tan-nofs, mill-ponta tar-rostrum sal-linja tan-nofs tax-xifer dorsali tat-tarf tal-karpaċi.

5. Id-daqs ta' kwalunkwe mollusk bivalvi għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 5, matul l-aktar parti twila tal-qoxra.

Figura 1



Figura 3



(*Homarus*)
Lobster

Figura 2



(*Nephrops*)
Norway lobster

(a) Tul tal-karapaċi

(b) Tul totali

Figura 4



Figura 5



Anness V

Żona ta' ġestjoni ta' 25 mil madwar il-Gżejjer Maltin

(a) Żoni awtorizzati fejn jista' jsir it-tkarkir viċin il-ġżejjer Maltin: koordinati ġeografiċi

Żona A	Żona H
A1 – 36.0172°N, 14.1442°E A2 – 36.0289°N, 14.1792°E A3 – 35.9822°N, 14.2742°E A4 – 35.8489°N, 14.3242°E A5 – 35.8106°N, 14.2542°E A6 – 35.9706°N, 14.2459°E	H1 – 35.6739°N, 14.6742°E H2 – 35.4656°N, 14.8459°E H3 – 35.4272°N, 14.7609°E H4 – 35.5106°N, 14.6325°E H5 – 35.6406°N, 14.6025°E
Żona B	Żona I
B1 – 35.7906°N, 14.4409°E B2 – 35.8039°N, 14.4909°E B3 – 35.7939°N, 14.4959°E B4 – 35.7522°N, 14.4242°E B5 – 35.7606°N, 14.4159°E B6 – 35.7706°N, 14.4325°E	I1 – 36.1489°N, 14.3909°E I2 – 36.2523°N, 14.5092°E I3 – 36.2373°N, 14.5259°E I4 – 36.1372°N, 14.4225°E
Żona Ċ	Żona J
C1 – 35.8406°N, 14.6192°E C2 – 35.8556°N, 14.6692°E C3 – 35.8322°N, 14.6542°E C4 – 35.8022°N, 14.5775°E	J1 – 36.2189°N, 13.9108°E J2 – 36.2689°N, 14.0708°E J3 – 36.2472°N, 14.0708°E J4 – 36.1972°N, 13.9225°E

Żona D	Żona K
D1 – 36.0422°N, 14.3459°E D2 – 36.0289°N, 14.4625°E D3 – 35.9989°N, 14.4559°E D4 – 36.0289°N, 14.3409°E	K1 – 35.9739°N, 14.0242°E K2 – 36.0022°N, 14.0408°E K3 – 36.0656°N, 13.9692°E K4 – 36.1356°N, 13.8575°E K5 – 36.0456°N, 13.9242°E
Żona E	Żona L
E1 – 35.9789°N, 14.7159°E E2 – 36.0072°N, 14.8159°E E3 – 35.9389°N, 14.7575°E E4 – 35.8939°N, 14.6075°E E5 – 35.9056°N, 14.5992°E	L1 – 35.9856°N, 14.1075°E L2 – 35.9956°N, 14.1158°E L3 – 35.9572°N, 14.0325°E L4 – 35.9622°N, 13.9408°E
Żona F	Żona M
F1 – 36.1423°N, 14.6725°E F2 – 36.1439°N, 14.7892°E F3 – 36.0139°N, 14.7892°E F4 – 36.0039°N, 14.6142°E	M1 – 36.4856°N,14.3292°E M2 – 36.4639°N,14.4342°E M3 – 36.3606°N,14.4875°E M4 – 36.3423°N,14.4242°E M5 – 36.4156°N,14.4208°E
Żona G	Żona N
G1 – 36.0706°N, 14.9375°E G2 – 35.9372°N, 15.0000°E G3 – 35.7956°N, 14.9825°E G4 – 35.7156°N, 14.8792°E G5 – 35.8489°N, 14.6825°E	N1 – 36.1155°N, 14.1217°E N2 – 36.1079°N, 14.0779°E N3 – 36.0717°N, 14.0264°E N4 – 36.0458°N, 14.0376°E N5 – 36.0516°N, 14.0896°E N6 – 36.0989°N, 14.1355°E

b) Koordinati ġeografiċi ta' xi punti li jgħaqqdu (*way-points*) matul l-isobata ta' 200m fiż-żona ta' ġestjoni ta' 25 mil

muniti.	Latitudni	Lonġitudni
1	36.3673°N	14.5540°E
2	36.3159°N	14.5567°E
3	36.2735°N	14.5379°E
4	36.2357°N	14.4785°E
5	36.1699°N	14.4316°E
6	36.1307°N	14.3534°E
7	36.1117°N	14.2127°E
8	36.1003°N	14.1658°E
9	36.0859°N	14.152°E
10	36.0547°N	14.143°E
11	35.9921°N	14.1584°E
12	35.9744°N	14.1815°E
13	35.9608°N	14.2235°E
14	35.9296°N	14.2164°E
15	35.8983°N	14.2328°E
16	35.867°N	14.4929°E
17	35.8358°N	14.2845°E
18	35.8191°N	14.2753°E
19	35.7863°N	14.3534°E
20	35.7542°N	14.4316°E
21	35.7355°N	14.4473°E
22	35.7225°N	14.5098°E
23	35.6951°N	14.5365°E
24	35.6325°N	14.536°E

25	35.57°N	14.5221°E
26	35.5348°N	14.588°E
27	35.5037°N	14.6192°E
28	35.5128°N	14.6349°E
29	35.57°N	14.6717°E
30	35.5975°N	14.647°E
31	35.5903°N	14.6036°E
32	35.6034°N	14.574°E
33	35.6532°N	14.5535°E
34	35.6726°N	14.5723°E
35	35.6668°N	14.5937°E
36	35.6618°N	14.6424°E
37	35.653°N	14.6661°E
38	35.57°N	14.6853°E
39	35.5294°N	14.713°E
40	35.5071°N	14.7443°E
41	35.4878°N	14.7834°E
42	35.4929°N	14.8247°E
43	35.4762°N	14.8246°E
44	36.2077°N	13.947°E
45	36.1954°N	13.96°E
46	36.1773°N	13.947°E
47	36.1848°N	13.9313°E
48	36.1954°N	13.925°E
49	35.4592°N	14.1815°E
50	35.4762°N	14.1895°E
51	35.4755°N	14.2127°E
52	35.4605°N	14.2199°E
53	35.4453°N	14.1971°E

ANNESS VI

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1626/94	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 7, Artikolu 17 u Artikolu 19
Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3
Artikolu 2(1) u (2)	Artikolu 8
Artikolu 2(3)	Artikolu 13(5), Artikolu 17 u Artikolu 19
Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu, u (5)
Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 13(5), Artikolu 14(2) u (3), Artikolu 19
Artikolu 3(1), it-tielet (1a) subparagrafu	Artikolu 4, Artikolu 13(9), Artikolu 13(10), Artikolu 19
Artikolu 3(2)	Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, u (8), u Artikolu 19
Artikolu 3(3)	Artikolu 4, Artikolu 13(10) u Artikolu 19
Artikolu 3(4)	Artikolu 13(3) u (7) u Artikolu 19
Artikolu 4	Artikolu 7
Artikolu 5	Artikolu 12 u Anness II
Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, u Artikolu 6(2)	Artikolu 9(1) u (2)
Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 9(7), Artikolu 14(1) u (3)
Artikolu 6(3)	Annex II, Definizzjonijiet
Artikolu 7	Artikolu 22
Artikolu 8(1) u (3)	Artikolu 15, Anness III u Anness IV
Artikolu 8a	Artikolu 26
Artikolu 8b	Artikolu 27
Artikolu 9	Artikolu 1(2)
Artikolu 10a	Artikolu 29
Artikolu 11	Artikolu 32
Anness I	Artikolu 3 u Artikolu 4
Annex II	Artikolu 11, Anness I u Anness II
Anness III	Artikolu 9(3), (4) u (5)
Anness IV	Anness III
Anness V(b)	Anness V